MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 996/2002

Kawza fil-lista: 25

**A B**
**Vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-partijiet kontendenti nghaqdu fiz-zwieg fil-15 ta' Settembru 1968, minn liema zwieg twieldu tlett itfal, C, E u F, lkoll maggiorenni; u

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut u senjatament minhabba adulterju, eccessi,

mohqrija u ingurji gravi da parti tal-konvenuta fil-konfront tal-attrici, u in subsidium, ghax iz-zwieg tkisser irrevokabilment; u

Premess illi l-attrici ottjeniet d-debita awtorizzazzjoni tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili b'Digriet numru 498/01 u Digriet ulterjuri numru 359/02 sabiex tkun tista' tipprocedi b'din l-istess kawza; u

Premess illi tentattivi sbiex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn, u ghalhekk kellhom jigu ntavolati l-proceduri odjerni;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghaliha, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti.

3. Tapplika kontra l-konvenut, internament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali kollha taghha u tordna lill-attrici tigi

moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

7. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa illi huwa ma jopponix ghat-talba tas-separazzjoni personali, izda jattribwixxi t-tort lill-attrici, filwaqt li t-talbiet attrici l-ohra huma nfondati fid-dritt;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess konvenut fit-termini ta’ l-Artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali.

Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jqabel mad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali, qed jikkontesta l-htija tieghu kif ukoll il-kumplament tat-talbiet attrici.

In tema legali, u riferibbilment ghall-imputazzjoni attrici ta’ adulterju da parti tal-konvenut, jigi osservat li skond gurisprudenza kostanti gie ritenut diversi drabi li minhabba d-diffikulta’ tal-prova okulari tal-kongungiment karnali, l-adulterju jista’ jigi inferit minn indizzji u presunzjonijiet gravi bhal ma huma l-istat ta’ konkubinat.

L-adulterju huwa bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-seprazzjoni personali; izda stante d-diffikulta' tal-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizji u presunzjonijiet, purche dawn ikunu gravi, precisi u konkordanti, b' mod li ma jhallu ebda dubju f' mohh il-gudikanat– izda ma hemmx bzonn ta' testimonjanza de visu *[PA Rita B vs Avk.Dr.Albert Grech Vol.XXXVII.II.693; PA Rosina Micallef vs Angelo Micallef – 27.06.1964]*

Fil-kaz in disamina jirrizulta ampjament, ukoll ex admissis mill-konvenut, li dana matul il-hajja matrimonjali tieghu ma' l-attrici huwa kellu u ghad ghandu relazzjoni ma' mara ohra, u li ilu jghix maghha l-fuq minn tnejn u ghoxrin sena, u ammetta li kellu relazzjonijiet intimi maghha. Huwa wkoll fix-xhieda tieghu identifika din il-mara b' isimha, izda sostna li l-konvenuta kienet taf b' din ir-relazzjoni extra maritali tieghu.[1] Minn naha taghha l-konvenuta, filwaqt li cahdet li hija qatt kellha relazzjoni extra maritali, qalet li hija kellha suspetti dwar dan il-komportament ta' zewgha u anke hbieba kienu nformawha b' dan, izda peress li hija kellha tfal li kienu ghadhom zghar u sabiex izzomm il-kwiet fil-familja ma kienitx titkellem. Kien sussegwenti ghall-incident vjolenti li sehh bejn il-koppja fil-bidu tas-sena 2000 li l-konvenut eventwalment telaq mid-dar u mar jghix band' ohra ma' din il-mara.

Fid-dawl tal-premess il-Qorti tikkonkludi li fil-konfront tal-konvenut jirrizulta l-adulterju, kemm qabel ma' dan telaq mid-dar konjugali, kif ukoll wara. Minn naha l-ohra, ma rrizultax provata l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attrici kienet dahlet ragel fid-dar taghha.  Ghal kuntrarju, mill-provi rrizulta li l-attrici kienet taghmel l-almu taghha sabiex, nonostante li l-konvenut kien ihalliha nieqsa finanzjarjament u nonostante l-komportament abusiv fil-konfront taghha u ta' uliedhom da parti tal-konvenut meta dana kien ikun that l-effett tal-alkohol, l-attrici stinkat sabiex izzom unita l-familja taghha u ma tharbatx il-hajja tat-tfal.

[1] Dep. 2.05.2003 – fol.93.

Illi apparti mill-adulterju da parti tal-konvenut jirrizulta wkoll li dana huwa hati ta' sevizzi fil-konfront ta' l-attrici principalment rizultat tal-problema tieghu tax-xorb.

Ghaldaqstant l-ewwel talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha, stante li z-zwieg tkisser irremedjabbilment ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut.

**Manteniment**

Illi jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet li in forza ta' digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili l-konvenut kellu l-obbligu li jivversa lill-attrici retta alimentarja fl-ammont ta' Lm100 fix-xahar. Ghalkemm il-konvenut sostna li huwa dejjem hallas dan il-manteniment dovut lill-attrici, mill-provi jirrizulta li huwa kien ikun tardiv fil-pagamenti, u skond l-attrici ghadu dovut lilha arretrat ta' manteniment fl-ammont ta' Lm470 rapprezentanti bilanc dovut ghall-perijodu li jestendi minn Marzu 2002 sa Ottubru 2002; kif ukoll minn Jannar 2004 sallum.

Illi rigward il-bilanc ta' Lm470 l-attrici ssemmi verbali u ordnijiet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, kif ukoll "skond ktieb tal-ricevuti li ghandi fil-pussess tieghi.."[2] Izda il-Qorti tosserva li l-attrici naqset li tipprova sodisfacentement din il-parti tal-pretensjoni taghha. Di fatti la pprezentat kopja tal-verbali relattivi maghmula quddim il-Qorti tal-Magistrati, u lanqas il-ktieb tar-ricevuti menzjonat minnha sabiex dan ikun suggett ghall-iskrutinju tal-Qorti, *multo magis* meta dawn l-arretrati jirreferu ghal-perijodu fis-sena 2002. Ghalhekk in omagg ghall-principju *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, din il-parti tal-pretensjoni l-attrici ma treggix.

Illi rigward l-allegazzjoni ta' l-attrici li l-konvenut ilu ma jivversalha manteniment minn Jannar 2004, il-Qorti tosserva li, nonostante li l-konvenut kellu l-opportunita' li jirribatti b' dokumenti din il-pretensjoni, dana naqas li jressaq prova f' dan ir-rigward, u llimita ruhu ghall-

[2] Dep.20.09.2004 – fol.174

asserzjoni li huwa dejjem hallas il-manteniment dovut. F' dan ir-rigward il-Qorti tosserva li l-assenji prezentati minnu huma datati 2000, u inoltre il-kopja tal-verbal tas-seduta tad-29 ta' Settembru 2005[3] jimmilita kontra t-tesi tal-konvenut.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghti affidament lill-attrici f' dan ir-rigward u taccetta bhala veritiera u korrett dak sostnut minnha li l-konvenut ilu ma jivversa r-retta alimentarja lill-attrici ta' Lm100 minn Jannar 2004, li ghalhekk sad-data ta' din is-sentenza jwassal ghas-somma dovuta ta' Lm3,300[4] li ghandha tigi kunsidrata bhala kreditu ta' l-attrici fil-konfront tal-konvenut fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi rigward it-tieni talba, il-Qorti tikkonsidera li la darba s-separazzjoni personali saret bi htija tal-konvenut, dana ghandu jivversa lill-attrici retta alimentarja, u dana fl-ammont ta' Lm115 fix-xahar pagabbli bil-quddiem permezz ta' cheque fir-residenza taghha, u li ghandha tinqata' direttament minn kull pensjoni jew beneficju socjali talvolta dovuti lill-konvenut.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Mill-provi jirrizulta li l-assi komunitarju jikkonsisti fis-segwenti proprjeta:

**Konsistenza**

[1] Id-dar matrimonjali numru 400 Triq il-Vittoria Qormi stmata mill-Perit Joseph Ellul Vincenti fl-ammont ta' Lm45,000;[5] Dan il-valur ma giex formalment kontestat mill-konvenut.

---

[3] Dok.B – fol.205

[4] Jannar 2004 sa Dicembru 2006 – LM2,400 + Lm900 [minn Jannar 2006 sa' l-ahhar ta' Ottubru 2006]

[5] fol.56

[2] L-ghamara kollha li hemm fid-dar matrimonjali, salv ghal dik parafernali dettaljatament indikata mill-attrici fl-affidavit taghha;[6]

[3] Ir-rikavat tal-prezz tal-vettura tal-marka Lotus u tal-mutur li nbieghu mill-konvenut waqt iz-zwieg, u li l-ammont tieghu ma jirrizultax mill-provi;

[4] Id-dghajsa mixtrija mill-konvenut waqt iz-zwieg u li fil-prezent tinsab f' idejn wiehed mit-tfal taghhom;

[5] L-inkwilinat tal-hanut bl-isem "Toni Confectionery" mikri waqt iz-zwieg; u n-negozju avvjat gestit minn dan il-hanut;

[6] Is-somma ta' Lm17,709 versata mill-Bank of Valletta lill-konvenut fit-2 ta' Lulju 2000 ma' l-irtirar tieghu. Mill-provi rrizulta li l-konvenut kien ta ammont ta' Lm500 lit-tlett it-tfal tieghu kull wiehed u lill-attrici, b' kollox Lm2,000. Ghalhekk ghal fini tal-liwkidazzjoni huwa gust li l-komputazzjoni ssir a bazi ta' Lm16,209;[7]

[7] Is-somma ulterjuri li l-imsemmi Bank ghandu jaghti lill-konvenut malli dana jilhaq l-eta' tal-pensjoni. Ghalkemm mill-provi l-ammont ta' din is-somma ma tirrizultax defenita, izda mix-xhieda ta' John Cassar Torreggiana in rapprezentanza tal-bank jidher li kalkolu ta' 26 units bil-prezz ta' Lm75.45 kull unit, jwasslu ghas-somma ta' Lm1,962.

Illi z-zewg partijiet qed jivvantaw krediti kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti: L-attrici qed tippretendi l-kreditu ta' Lm600 li hija versat minn fondi provenjenti minn wirt, bhala parti mill-prezz tad-dar matrimonjali; kif ukoll l-ispejjez maghmula minnha biex irrangat id-dar wara li l-konvenut kien telaq mid-dar, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' Lm1,339. Minn naha tieghu l-konvenut qed jivvanta kreditu ta' Lm2,000 li huwa kellu qabel ma zzewweg u li skond hu "marru f' engagement, tieg, spejjez ta' l-gharusa [u] kont irrangajt il-post fejn konna noqghodu Hal Qormi."[8]

[6] fol.19
[7] Rapprezentanti l-imsemmija somma nieqes is-somma ta' Lm1,500 moghtija lit-tfal.
[8] Dep.9.12.2003 – fol.147

Il-Qorti tosserva li mill-provi rrizultaw sodisfacentment provati l-krediti ta' l-attrici, izda rigward il-kreditu vantat mill-konvenut tosserva li, apparti mill-fatt li ma giet prezentata ebda ricevuta jew prova ohra in sostenn, il-konvenut naqas li almenu jikkwantifika dik il-parti mis-somma ta' Lm2,000 li huwa jghid li nefaq fid-dar konjugali ta' dak iz-zmien.

**Assenjazzjoni**

Fic-cirkostanzi l-Qorti tikkunsidera gusta u ekwa s-segwenti assenjazzjoni:

Jigu assenjati lill-attrici s-sehem tal-konvenut mid-dar konjugali, u mill-ghamara ezistenti fl-imsemmija dar, apparti minn dik parafernali ta' l-attrici.

Jigu assenjati lill-konvenut, ir-rikavat tal-vettura lotus u tal-mutur, kif ukoll id-dghajsa li fil-prezent qeda f'idejn wiehed mit-tfal, l-inkwilinat u l-avvjament tal-hanut Toni Confectionery, is-sehem ta' l-attrici mis-somma ta' Lm16,209 kif ukoll sehemha mis-somma ulterjuri ta' Lm1962 circa. Inoltre, kull dejn assunt mill-konvenut jibqa' a kariku tieghu biss.

Konsegwenza ta' dan il-pjan ta' qasma, l-attrici ghandha tghati lill-konvenut ekwiparazzjoni fl-ammont ta' Lm8,175.5: rapprezentanti Lm22,500 nofs il-valur tad-dar konjugali dovut lill-konvenut nieqes il-krediti ta' l-attrici – [a] fl-ammont Lm600 parti mill-prezz tad-dar, [b] Lm8,104.5 u Lm981[9] sehemha mill-flus dovuti lill-konvenut mill-Bank of Valletta, u [c] Lm1,339 spejjez maghmula mill-attrici fid-dar matrimonjali wara I ta' Jannar 2000; kif ukoll [d] is-somma ta' Lm3,300 arretrat ta' manteniment kif fuq indikat

Illi ma' l-imsemmi ammont ta' Lm8,175.5 l-attrici ghandha zzid is-somma ta' Lm500 li kienet giet versata lilha mill-

[9] rapprezentanti nofs is-somma ta' Lm16,209 u nofs is-somma ta' Lm1962, fuq indikati. Jigi ribadit li mill-ewwel ammont l-attrici kient diga hadet is-somma ta' Lm500.

konvenut kif fuq indikat.[10] Ghalhekk is-somma globali dovuta mill-attrici lill-konvenut tammonta ghal Lm8,675.5.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba ragunijiet unikament imputabbli lill-konvneut, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn mal-konvenut; u dan b' effett mill-1 ta' Jannar 2000;

[2] Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentarja mensili ta' mija u hmistax il-lira maltin [Lm115] pagabbli bil-quddiem permezz ta' cheque fir-residenza taghha, u li ghandha tinqata' direttament minn kull pensjoni jew beneficju socjali talvolta dovuti lill-konvenut;

[3] Tilqa' it-tielet talba u tordna l-applikazzjoni in toto fil-konfront tal-konvenut ta' l-Artikoli 48 u 51 tal-Kap.16;

[4] Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti b' effett mill-1 ta' Jannar 2000; u tiddikjara li dina tikkonsisti fl-oggetti mobbli u immobbli kif fuq indikat that it-taqsima "Komunjoni ta' l-Akkwisti" u fit-termini ta' l-istess tordna li l-assenjazzjoni issir kif indikat that l-intestatura "Assenjazzjoni" u cioe' jigu assenjati lill-attrici s-sehem tal-konvenut mid-dar konjugali, u mill-ghamara ezistenti fl-imsemmija dar, apparti minn dik parafernali ta' l-attrici; u jigu assenjati lill-konvenut, ir-rikavat tal-vettura Lotus u tal-mutur, kif ukoll id-dghajsa li fil-prezent qeda f' idejn wiehed mit-tfal, l-inkwilinat u l-avvjament tal-hanut Toni Confectionery, is-sehem ta' l-attrici mis-somma ta' Lm16,209 kif ukoll sehemha mis-somma ulterjuri ta' Lm1,962 circa. Inoltre, kull dejn assunt mill-konvenut jibqa' a kariku tieghu biss.

[10] Cheque datat 1.08.2000 – dok.P – fol.164

Minn naha taghha l-attrici ghandha tghati lill-konvenut ekwiparazzjoni fl-ammont komplessiv ta' tmint elef, sitt mija u hamsa u sebghin Lira Maltin u hamsin centezmu [Lm8,675.50];

[5] Tilqa' l-hames talba u tinnomina lin-Nutar Dottoressa Sylvana Borg Caruana sabiex tircevi l-Att opportun fl-edifizju tal-Qorti fi zmien xaharejn fid-data u hin fissat mill-istess Nutar, u tinnomina lill-Avukat Dottor Neville Camilleri sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-kuntratt relattiv;

[6] Tilqa' s-sitt talba u tordna li l-konvenut jirritorna fi zmien gimgha lill-attrici z-zewg tic-crieket tal-kunsens, kif ukoll ix-xabla, indikati mill-attrici fl-affidavit, izda li ma giex indikat il-valur taghhom;

[7] Tilqa' it-talba numru seba'.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------